MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 213/2008

**F. Advertising Limited (C 27689)**

**vs**

**Annabell Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-23 ta' Mejju, 2008, li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti sejhet lill-intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax –il centezmu, (€6988.12), rapprezentanti ammont li huwa dovut mill-intimata ghal servizzi ta' reklamar debitament

rezi fuq inkarigu tal-intimata ai termini ta' skrittura privata ffirmata minnu datata 16 ta' April 2007;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra ufficcjali prezentata ai termini tal-Artikolu 166A Kapitolu 12 datata 27 ta' Marzu, 2008, u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta datata t-12 ta' Frar, 2009, li permezz taghha l-intimata rrispondiet bil-mod segwenti:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess socjeta';

2. Illi fil-kwadru tal-kaz, it-talba hi vessatorja w bla bazi bhalma taf sew l-istess socjeta' rikorrenti w dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tals-socjeta' rikorrenti;

Tirrileva li r-rapprezentant legali tal-intimata ma deherx fl-udjenza rizervata ghat-trattazzjoni orali finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-vertenza odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi l-vertenza odjerna hi naxxenti minn ftehim iffirmat mill-partijiet fis-16 t'April, 2007, (ara fol 49);

2. Illi skont dan il-ftehim l-intimata irreklamat il-fond bl-isem ta' "Conception", Triq Lord Gort, Haz Zebbug, mas-socjeta' rikorrenti;

3. Illi jirrizulta assodat mix-xhieda prodotta li s-socjeta' rikorrenti qdiet id-doveri taghha fir-rigward tar-reklamar minnha dovut b'mezzi differenti kif pattwit;

4. Illi ghalkemm il-fond in dizamina inbiegh, jirrizulta li l-intimata naqset li tosserva l-parti taghha tal-vertenza, senjatament, li thallas lis-socjeta' rikorrenti skont l-istess ftehim minnha liberament iffirmat;

5. Illi kif jidher mill-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar datata l-20 ta' Dicembru, 2007, l-istess fond gie regolarment mibjugh, (ara fol 37);

6. Illi konsegwentement is-socjeta' rikorrenti ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tintavola l-procedura odjerna in tutela tad-drittijiet taghha;

Ikkunsidrat:

Illi in sosten tal-pozizzjoni intransigenti taghha l-intimata sostniet sintetikament is-segwenti:

1. Illi nonostante li kienet iffirmat il-ftehim ghal reklamar tal-fond li riedet tbiegh mas-socjeta' rikorrenti, hi riedet twaqqas l-istess inkarigu li kienet tat lil din is-socjeta' ghaliex allegatament kellha xi dizgwid mar-ragel taghha fir-rigward;

2. Illi ghalhekk issostni li tablet lis-socjeta' rikorrenti twaqqaf ir-reklamar in dizamina ghalkemm issostni fix-xhieda taghha fir-rigward illi xorta iffirmat il-kuntratt ghar-reklamar de quo, (ara fol 44);

3. Illi nonostante tali vinkolu, jirrizulta li bieghet il-fond de quo, minghajr ma espletat l-obbligi taghha hemm pattwiti;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm jirrizulta li gie allegat xi dizgwid fir-rigward, dan qatt ma gie ipprovat skont il-ligi, u in effetti, lanqas biss sar attentat ghal dan;

Illi ghandu jkun pacifiku li "*pacta sunt servanda*" u li ghalhekk, jekk ma tinqalax xi haga verament gravi sussegwentement, ic-certezza tan-negozju ghandha tigi tutelata altrimenti tinholoq konfuzjoni socjali li ma tkunx biss ta' dannu ghal min jinnegozja in *buona fede,* izda tkun addirittura negattiva b'mod aktar wiesgha stante li taffettwa negattivament in negozju in generali;

Ghaldaqstant din il-qorti tqis li s-socjeta' rikorrenti ippruvat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi r-risposta kollha tal-intimata:

1. Tiddikjara li l-intimata Annabell Agius ghandha taghti lis-socjeta' rikorenti F. Advertising Limited l-ammont ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax –il centezmu, (€6,988.12); ammont dovut ghal servizzi ta' reklamar debitament rez lilha fuq inkarigu taghha stess skont l-iskrittura private minnha ffirmata fis-16 ta' April, 2007;

2. Tikkundanna lill-istess intimata fuq indikata biex thallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' rikorrenti fuq indikata;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mid-data tal-ittra ufficcjali datata s-27 ta' Marzu, 2008, ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 kontra l-istess intimata.

Marisa Borg
Dep./Reg

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------